MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2003

Citazzjoni Numru. 164/1998/1

Joseph Aquilina, Ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta’ l-Entijiet Ekklesjastici ta’ Malta ghan-nom il-Giusparonat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra; u b’degriet tal-11 ta’ Jannar, 2001 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Vincent Ciliberti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza, fil-kwalita’ tieghu premessa.

vs

Road Construction Limited, u b’degriet tal-15 ta’ Gunju, 2000 gie kjamat fil-kawza ir-Registratur ta’ l-Artijiet, Centru Amministrattiv, Pjazza San Frangisk, Victoria

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ppremetta :

Illi l-Giuspatronat Lakjali San Antonio Abbate delli Navarra huwa l-proprejtarju u ghandu l-pussess ta’ l-art ta’ Ghajn Kelment jew tal-Muxi, limiti tal-Qala, Ghawdex .

Illi l-attur fil-kwalita’ tieghu premessa huwa l-amministratur tal-istess Giuspatronat .

Illi s-socjeta’ konvenuta qed tipptretendi li xtrat minghand terzi art li tifforma parti mill-istess Giuspatronat ;

Illi l-agir tas-socjeta’ konvenuta qed jilledi d-drittijiet ta’ proprjeta’ ta’ l-attur nomine ;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara :

1. Illi l-imsemmija art tappartjeni liberament lil Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbate delli Navarra u li s-socjeta’ konvenuta m’ghandha lebda dritt u/jew titolu relattiv ghall-istess art ;

2. Illi s-socjeta’ konvenuta tohrog mill-art allegatament akkwistata minghand terzi fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti u tghaddi l-pussess ta’ l-istess art lill-attur nomine .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine mahlufa minn Joseph Aquilina .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Road Construction Limited li eccepiet :

1. Illi l-eccipjenti qieghda tikkontesta t-talbiet attrici in kwantu ma jissusistux l-elementi li jiggustifikaw ebda wahda mill-azzione possessorie .

2. Illi dak kollu li sar mis-socjeta’ konvenuta sar fi proprjeta’ akkwistata minnha validament minghand il-proprjetarji precedenti taghha li kellhom anki l-pussess esklussiv ta’ l-istess art .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta mahlufa minn Victor Hili .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess socjeta' konvenuta, pprezentata wara li l-attur nomine gie awtorizzat b'digriet tal-24 ta' Frar 2000 sabiex jaghmel xi korrezzjonijiet fil-korp tac-citazzjoni, u li permezz taghha l-istess socjeta' konvenuta eccepiet illi :

1. Illi huwa kkontestat li l-art akkwistata mis-socjeta' konvenuta tifforma parti mill-art li tappartjeni lill-Guspatronat Lajkali San Antonio Delli Navarra u ghal hekk dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda .

2. Illi l-art kollha li s-socjeta konvenuta tippretendi li hija taghha giet akkwistata validament skond kuntratti validi minghand is-sidien rispettivi li t-titolu taghhom jista' jigi rintraccjat ghal diversi snin .

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, stante li l-istess artijiet kienu ppossjeduti mill-vendituri rispettivi ghal ghexieren ta' snin hija ta' ostakolu ghat-talbiet attrici l-preskrizzjoni akwizittiva trentennali .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni annessa ma' din in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri mahlufa wkoll minn Victor Hili .

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2000 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza tar-Registratur ta' l-Artijiet .

Innotat illi l-istess konvenut debitament notifikat b'din ic-citazzjoni fit-2 ta' Novembru 2000, skond ma jirrizulta mir-riferta pozittiva ta' l-istess data (a fol. 52), baqa' kontumaci .

Rat ukoll il-verbal tal-kontendenti ta' l-istess data fejn qablu li jigu allegati l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 156/1998 fl-istess ismijiet .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi .

Ikkunsidrat :

Illi l-Kurja Arciveskovili, kif rapprezentata f'dawn l-atti mill-attur nomine, tippretendi illi hija l-amministratrici tal-Guspatronat lajkali "San Antonio Abbate delli Navarra" . Fost il-beni ta' dan il-guspatronat hemm bicca territorju mdaqqas fl-inhawi ta' Ghajn Kelment, limiti tal-Qala, Ghawdex . Permezz ta' diversi kuntratti maghmula bejn is-snin 1995 u l-1999 is-socjeta' konvenuta xtrat minghand terzi disa' bicciet art f'dawn l-inhawi bl-iskop li fihom topera barriera tal-qawwi[1] .

L-attur nomine jikkontendi illi dawn l-artijiet hekk mibjugha lis-socjeta' attrici ma kienux jappartjenu lill-vendituri, imma kienu jiffurmaw parti ntegrali mit-territorju "ta' Ghajn Kelment" proprjeta' tal-guspatronat imsemmi . Ghalhekk ghamel il-kawza prezenti sabiex jigi dikjarat illi l-artijiet akkwistati mis-socjeta' konvenuta kienu attwalment jappartjenu lil dan il-guspatronat lajkali u konsegwentement biex jiehu f'idejh il-pussess ta' l-istess artijiet .

L-azzjoni percepita mill-attur nomine hija l-hekk imsejha ***azzjoni rivendikatorja*** . Il-Kodici Civili taghna, bhal legislazzjonijiet ohra li minnhom origina, ma jaghti ebda definizzjoni ta' l-elementi mehtiega sabiex tirnexxi kawza bhal din u l-effetti taghha . Pero' tezisti dottrina u gurisprudenza vasta li tindika x'inhu mistenni mill-attur sabiex ikollu success fit-talbiet tieghu . Apparti dawk gia ndikati fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ferm studjata tas-socjeta' konvenuta, u li a skans ta' ripetizzjonijiet inutili qed issir piena referenza ghalihom,[2] wiehed jista' jsemmi wkoll is-segwenti :

[1] ara pjanta relattiva u kopji ta' dawn l-atti esebiti mis-socjeta' konvenuta permezz ta' Nota fil-11 ta' Jannar 2002: a fol. 320 – 363.
[2] Ara Nota a fol.549-559 tal-Process

(i) it-**Troplong** li jispjega illi: "*La sottigliezza del diritto non va sino a pretendere che l'attore in rivendica dimostro' la filiazione della proprieta' dai piu' remoti suoi autori, e giustifichi di essere stati essi legittimi proprietari . Tutto dipende dalle circostanze . Quando l'attore in rivendica non ha a competere che con un usurpatore senza titolo, senza qualita' e senza l'apparenza di un diritto, gli basta di esebire un giusto titolo che da' nascita ad un possesso di natura a produrre la prescrizione . Solo quando il convenuto oppone a questo titolo titoli migliori, e' necessario rimontare sino all'esame del diritto de' precedenti proprietarii*." [3]

(ii) iz-**Zachariae** li jghallem illi "*La principale azione che nasce dal diritto di proprieta' e' l'azione di rivendicazione … Essa esige che l'attore provi il suo diritto di proprieta', e per conseguenza quello de' suoi autori … . Questa pruova non puo' essere stabilita, in una maniera compiuta, se non merce' l'usucapione, Si puo', in generale, intentare siffatta azione contro ogni possessore, qualunque sieno la causa e l'origine del possesso … L'azione di rivendicazione tende, in tutti i casi, a far condannare il convenuto a restituire, a sue spese, la cosa rivendicata con tutti i suoi accessori . Allorche' il possessore sia in mala fede, essa tende inoltre a farlo condannare a render conto non solo dei frutti che abbia percepiti, ma di quelli eziandio che avrebbe potuto percpire come altresi ad indennizare l'attore dei deterioramenti o dannegiamenti che la cosa abbia subiti . Allorche' l'attore resti vittorioso nella causa, l'immobile rivendicato rientra nelle sue mani, libero e franco dalle servitu' e dalle ipoteche provvegnenti da parte del convenuto . Del resto, l'attore non e' tenuto a restituire al convenuto il prezzo che costui avesse per avventura pagato."*[4]

**(iii)** Il- **Borsari** li jenfasizza illi : "*La rivendicazione e' stata sempre riputata un'azione difficile,*

[3] Della Vendita;Napoli 1854, #255 p.185
[4] Corso di Diritto Civile Francese 2da ed. .italiana,Napoli 185ó #218 p.247 et.seq.

*avendo l'attore intero il carico della prova . E' d'uopo provare l'acquisto mediante un titolo valido, al cui concludenza ed efficacia e' decisione riserbata al giudice del fatto*."[5]

***(iv)*** Il-**Pacifici Mazzoni** li jghid illi: "*La proprieta'… e' un diritto assoluto . Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca . Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria …. L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione … . Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione . Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario . Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii :* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis*** *… . La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione . Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi' autori . In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione . Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica*** *. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto*

[5] Commenario del Codice Civile Italiano : 1872 ,vol.II .#854 p.153

*migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto . Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole :*

*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto….*

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi …..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico .*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[6]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji dottrinali, nsibu l-Qrati taghna jispjegaw illi :

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika . Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li l-haga mhix tal-konvenut, imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**' . Gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna, fuq l-istregwa tal-principji ammessi*

[6] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.

*universalment mid-dottrina u l-gurisprudenza, bazata fuq ligijiet bhal taghna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488) . 'kwalunkwe dubbju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-pusessur konvenut'. Kompla f'dik is-sentenza jinghad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105;*"[7]

Hekk ukoll inghad illi :

" *Rekwiziti ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-haga akkwistata legittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha .*

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteggjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeccepixxi li hu ghandu titolu fuq il-haga rivendikata aktar mill-attur, il-piz tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilhaqx din il-prova jissokombi fl-eccezzjoni tieghu ; jekk ghall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruhu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tieghu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, izda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, ghandu jissuccedi fl-eccezzjoni tieghu".*[8]

Meta nigu biex napplikaw dawn il-principji ghall-kaz in ezami, nsibu illi kif jirrizulta mill-provi prodotti, il-Guspatronat Lajkali ta' Sant'Antonio sive Delli Navarri[9], li kien jipposjedi bosta artijiet mxerrdin mal-gzejjer maltin, kien minn zmien ghall-iehor jiddisponi minn uhud minn dawn l-artijiet permezz ta' koncessjonijiet enfitewtici *ad tertiam generationem .* Fost dawn kien hemm wahda

[7] Appell Civili:Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg : 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575
[8] Giuseppi Abela vs John Zammit : P.A. 16.5.1963
[9] Imwaqqaf b'att tan-nutar Nicola Allegrito tal-25.08.1675 (ara sentenza ta' din il-Qorti : cit. 74/1984 Joseph Buttigieg vs Theresa Buttigieg et. moghtija fil-31.1.1997).

tirrigwarda parti mit-territorju ta' Ghajn Kelment, fil-limiti tal-Qala maghrufa bl-isem "**ta' Wardati**" u moghtija permezz ta' kuntratt tal-17 ta' Marzu 1737 in atti Nutar Domenico Geronimo Bonavia[10]. Fuq wahda mill-pjanti annessi ma' dan l-att u riferibbli ghal din l-art tinsab deskrizzjoni taghha f'dan is-sens :
"***Territorio detto ta' Vardati di capacita' salme vent'una, e due tumuli .... Tramontana con beni delli eredi del fu Domenico Spiteri in parte et in parte di Salvatore Grech, da levante con spiaggia, da ponente con strada publica, e con beni censuali di Gio'Maria Portelli***."[11]

Hija appuntu din il-pjanta, maghmula minn zewg periti, Guzepp Pisano u Felic Abela, nkarigati mill-awtoritajiet ekklestjastici ghal dan il-fini[12] fl-epoka ta' dik il-koncessjoni enfitewtika, illi ghal hafna zmien matul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, fformat il-bazi ewlenija tal-pretensjoni ta' l-attur nomine . Dan ghaliex skond ma jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Vincent Ciliberti, impjegat tekniku tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta, (li fil-kors tas-smiegh tal-kawza assuma l-atti minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-gudizzju), meta l-amministrazzjoni tal-Knisja fis-snin sebghin riedet tikkonsolida l-proprjetajiet kollha taghha u ghal dan il-ghan inghata bidu ghal ezercizzju li permezz tieghu l-artijiet kollha li kienet tipposjedi d-Djocesi kienu qed jigu mmarkati fuq *ordinance survey sheets*, din il-pjanta giet interpretata minn certu Carmelo Galea, *land surveyor* b'esperjenza twila f'dan il-qasam mas-servizzi inglizi, li kien gie inkarigat biex jaghmel dan ix-xoghol ghall-Kurja . Pero' kif stqarr Galea stess fid-depozizzjoni tieghu tat-30 ta' Marzu 1999, huwa sab certa diffikolta' sabiex jaghmel din l-interpretazzjoni u ghalhekk talab l-ghajnuna ta' Dun Saverin Bianco, l-amministratur ta' dan il-guspatronat lajkali dak iz-zmien, li ndikalu fuq is-*survey sheet* bl-amment, permezz ta' subajgh u minghajr ma hass il-htiega li jikkonsulta ma' ebda pjanta, fejn kellhom

[10] ara kopja fotostatika tal-kuntratt relattiv esebita a fol. 28 et seq fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 156/1998 fl-istess ismijiet .
[11] Ara pjanta a fol. 33 fl-atti ta' l-istess mandat .
[12] Ara traduzjoni tal-kuntratt relattiv a fol. 341 fl-atti tal-Mandat imsemmi.

jigu l-konfini tat-territorju rapprezentat fuq il-pjanta in kwistjoni[13] . B'dan il-mod setghet tigi ndikata l-ghalqa "ta' Wardati" fuq is-survey sheet ta' l-inhawi, u li kopja fidila taghha, redatta mill-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto fuq ordni tal-Qorti u mehuda mill-original, tinsab annessa ma' l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv ghal din il-kawza[14] . L-art in kwistjoni hija dik immarkata bil-numru sebgha (7) u l-kulur isfar fuq din is-survey sheet . Fuq l-istess *survey sheet* hemm notamenti li jindikaw illi l-art hekk murija fuq din is-*survey sheet*, tkejjel tliet mija erba' u hamsin (354) tomna . Billi l-artijiet akkwistati mis-socjeta' konvenuta jidhru inkorporati fl-ghalqa "ta' Wardati" kif indikata fuq din is-*survey sheet*, l-istess socjeta' konvenuta nkarigat zewg esperti taghha sabiex indipendentement minn xulxin jaghmlu l-interpretazzjoni taghhom tal-pjanta annessa mal-kuntratt ta' l-1737, kif imqabbla mas-*survey sheet* prodotta mill-attur nomine . L-ewwel li pprezenta r-rapport bir-rizultanzi tieghu kien l-A.I.C Lino Bianco . F'dan ir-rapport[15] huwa jispjega kif kkonkluda illi l-art indikata f'din is-*survey sheet* hija ferm ikbar minn dik murija fil-pjanta ta' l-1737 . Huwa mexa fuq il-qisien li kien hemm indikati, sew tal-wisgha (*linear dimension*) kif ukoll tal-kejl superficjali . Fejn fil-pjanta tal-1737 hemm indikat li kien hemm tul ta' 440 qasba, fis-*survey sheet* in kwistjoni dan gie estiz ghal 510 qasba . Fejn fil-pjanta l-antika kien hemm indikat kejl ta' 240 qasba, fis-*survey sheet* gie estiz ghal 300 qasba . Mill-lat ta' kejl superficjali, skond il-pjanta ta' l-1737 kien hemm 457 tomna ( cioe' 28 salmi u 9 itmiem), filwaqt li fis-*survey sheet* gew indikati 537 tomna (cioe' 34 salmi u 3 itmiem).

Spjega wkoll kif fattur iehor rilevanti ghall-interpretazzjoni tal-pjanta kien l-istrutturi stabbli li jkunu jinstabu fis-sit *de quo* u li jidhru wkoll fuq il-pjanta l-originali, bhat-trunciera ta' Sant'Antnin u l-konfini li jmissu mal-bahar .

Huwa jispicca r-rapport tieghu bil-mod segwenti :

---

[13] Ara xhieda a fol. 194-216 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni ndikat
[14] ara kopja tas-survey sheet no. 3888 & part 4088 tal-1965, Dok. AM. D esebita a fol. 252 ta' l-istess Mandat ta' Inibizzjoni
[15] ara Dol. LB. 1 a fol 85 –90 tal-process tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 156/1998

"*The interpretation of the plan by the Curia does not correspond to the plan attached to the contract since both the linear and square dimensions do not match . The deviation in percentage area from that stated in the contract, excluding the 90 tumoli, is +35%*."

Il-perit Saviour Micallef li wkoll gie nkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex iqabbel il-pjanta tal-1737 u dik tal-Kurja, l-istess bhall-perit Bianco wasal ghall-konkluzjoni li l-interpretazzjoni tal-Kurja hija kompletament zbaljata minhabba diskrepanza kbira bejn pjanta u ohra[16] . Dana ghaliex l-ewwelnett il-kejl superficjali ta' l-art murija bil-kulur blu fuq il-pjanta SM.3, li tirraprezenta l-interpretazzjoni tal-Kurja, jammonta ghal total ta' circa hames mija u tletin (530) tomna, u cioe' mija u zewgt (102) itmiem iktar mit-total ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin (428) deskritti fil-pjanta l-originali (Dok. SM. 3) . Hekk ukoll jekk wiehed iqis il-bicca art, inkluz it-trunciera, murija fuq il-pjanta SM. 2, iridu jizdiedu circa seba' u hamsin (57) tomna ohra ma' l-art kontestata mill-Kurja, bil-konsegwenza li d-diskrepanza tikber minn mija u tnejn (102) ghal mija disa' u hamsin (159) tomna . Jghid ukoll illi anke mil-lat ta' forma tat-territorju, dik indikata fis-*survey sheet* ma taqbilx ma' dik tal-pjanta originali, u jaghti diversi ezempji kollha ndikati fir-rapport tieghu .

Flimkien mar-rapport tieghu pprezenta wkoll pjanta ohra (Dok. SM. 2) li turi l-interpretazzjoni tieghu tal-pjanta originali fuq is-*survey sheet* tal-lokal. Fid-depozizzjoni tieghu huwa spjega fid-dettal kif il-konfigurazzjoni ta' din il-pjanta taqbel ma' l-antika u kif il-kejl ta' tliet mija u tletin (330) tomna li rrizultaw mill-pjanta tieghu joqrob ferm ghal dak ta' tliet mija tmienja u tletin (338) tomna ndikat fil-pjanta ta' l-1737 .

Rinfaccata b'dawn iz-zewg rapporti sfavorevoli ghaliha, l-amministrazzjoni tal-Knisja f'Malta wkoll inkarigat tliet esperti sabiex "*jaghtu parir dwar il-pozizzjoni tat-territorju*

[16] ara rapport ippresentat mill-A.I.C. Micallef fid-deposizzjoni tieghu tas-7.01.1999; Dok. SM. 4 a fol. 103 –105 fl-atti tal-Mandat indikat u pjanti Dokti. SM. 1, 2 u 3 annessi ma' l-istess rapport .

*imsejjah ‘ta’ Vardati’ fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, u partikolarment il-konfini tieghu fuq interpretazzjoni ta’ pjanta illi tinsab fl-arikivji tal-istess Kurja Arciveskovili*.” Kopja tar-rapport imhejji mil-A.I.C. David Pace, l-A.I.C. Paul Camilleri u s-surveyor Randolph Camilleri, li gew imqabbda ghal dan il-ghan giet esebita mill-A.I.C. David Pace waqt id-depozizzjoni tieghu[17] . F’dan ir-rapport wiehed isib kunsiderazzonijiet simili ghal dawk maghmula mill-esperti mqabbda mis-socjeta’ konvenuta, u hlief ghal xi varjazzjoni zghira fuq ir-rih tan-nofsinhar, li pero’ mhix rilevanti ghal-finijiet ta’ din il-kawza, huma jaqblu mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-periti l-ohra . L-istess bhalhom nnotaw il-karatteristici kollha li kienet turi l-pjanta ta’ l-1737, partikolarment il-kejl, konfini u *features* ohra fissi li jidhru fuqha . Infatti jfissru *inter alia* f’dan ir-rapport taghhom illi :

“*Skond l-informazzjoni murija fuq id-dokumenti msemmija, it-territorju ‘ta’ Vardati’ huwa kompost minn territorju illi ghandu kejl ta’ ‘***salme vent’una, e due tumoli’** *fil-parti il-fuq minn xatt il-bahar, waqt illi hemm strixxa art ohra max-xatt, tal-kejl ta’ ‘***salme cinque e tumoli dieci***’. It-territorju kollu jinsab ikkonfinat mit-Tramuntana minn proprjeta’ tal-eredi ta’ Domenico Spiteri u Salvatore Grech, mill-Punent ma’ triq pubblika u ma’ proprjeta’ censwali tal-eredi ta’ Gio. Maria Portelli; min-Nofsinnhar ma’ proprjeta’ tal-eredi ta’ Gio. Maria Gilestri, Mario Frendo w ohrajn; u mil-Lvant max-xatt .*

*Il-pjanta turi xi ‘features’ bhal ma huma il-forti jew batterija ta’ Sant’Antnin illi tinsab fil-ponta tal-Qala, u li kienet giet mibnija f’dawk iz-zmienijiet, funtana f’nofs it-territorju, u kejl matul il-konfini tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana ta’ 443 qasba u 240 qasba rispettivament . Apparti minn dan gew indikati xi hbula illi il-periti Joseph Pisano u Felix Abela dehrilhom illi kienu importanti sabiex jidentifikaw it-territorju….*

*Il-karatteristici illi jistghu jidentifikaw dana it-teritorju illum huma il-forti, w ovvjament xatt il-bahar, il-kejl superficjali*

[17] Ara rapport a fol. 108 – 110 u dokti.A, B, C u D annessi mieghu fl-atti tal-Mandat imsemmi

*totali ta' sitta w ghoxrin salma u tnax il-tomna ekwivalenti ghal erba mija tmienja w ghoxrin tomna (428 T) jew erba mija wiehed u tmenin, mija w ghaxar metru kwadru (481110 m.k.), triq pubblika fuq parti mill-konfini tal-punent, l-ismijiet tal-lokalitajiet illi jinsabu fieh, u l-qisien tal-konfini tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana….*
*Pero' minhabba it-tibdil illi sar fil-hbula tal-ghelieqi matul iz-zminijiet, specjalment f'dana is-seklu, u partikolarment fl-ahhar sittin sena, kien difficli hafna illi setghet isir identifikazzjoni illi kull wiehed mis-sottofirmati seta' jikkonferma bl-akbar certezza illi kienet dik u dik biss . Dana ghaliex it-topografija toffri diversi alternattivi illi jaqblu in generali mal-features tal-pjanta Dok. A u li jinkludu il-lokalitajiet imsemmija, jekk mhux ghal kollox almenu in parti, kif wkoll jaghtu kejl totali u qisien ta' konfini f'Nofsinhar u fit-Tramuntana hekk kif turi l-istess pjanta" .*

Minhabba d-diffikultajiet sabiex jistabilixxu fil-preciz il-konfini ta' l-art in kwistjoni, l-esperti ghalhekk ipprezentaw zewg pjanti li jindikaw l-interpretazzjonijiet alternattivi taghhom tal-pjanta originali ta' l-1737[18] . Imma li huwa zgur hu li ebda wahda minnhom ma' tolqot l-art in kontestazzjoni mixtrija mis-socjeta' konvenuta, u dan ghaliex il-varjazzjoni bejn dawn il-pjanti tinsab fuq in-naha tan-nofsinhar, mentri l-artijiet tas-socjeta' konvenuta qeghdin fuq in-naha tat-tramuntana ta' l-art "ta' Wardati" .

Fid-depozizzjoni orali tieghu mbaghad l-A.I.C. David Pace jaghmilha cara illi :

*"Mill-pjanti li rajna ahna tal-Perit Bianco qbilna*"[19]

Wara li anqas l-esperti nominati mill-Kurja ma setghu jaqblu mal-pretensjonijiet ta' l-attur nomine, is-sur Ciliberti beda' jiskredita l-valur probatorju ta' l-istess pjanta illi huwa kien tant ibbaza l-kaz tieghu fuqha . Infatti beda jghid illi l-ismijiet li jidhru fuq din il-pjanta, mhux necessarjament kienu tas-sidien ta' l-artijiet li jikkonfinaw

[18] ara pjanti esbiti bhala dokti "C" u "D" mar-rapport ta' dwan l-esperti .
[19] A fol. 117 ta' l-atti tal-mandat nru. 156/1998 .

ma' l-art "ta' Wardati", imma setghu kienu l-gabillotti jew censwalisti biss ( u ghalhekk implicitament illi din l-art setghet tikkonfina ma' artijiet ohra ta' l-Abazija) . L-istess jikkontendi illi l-Kurja kellha diversi artijiet ohra f'dawk l-inhawi li kienu gew moghtija wkoll b'cens jew qbiela, kif anke jirrizulta mid-diversi kopji ta' attijiet esebiti minnu flimkien ma' n-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu[20] . Imma b'danakollu ma rnexxielhux jindika bl-ebda mod liema minn dawn il-kuntratti seta' possibilment jirreferi ghall-artijiet in kontestazzjoni . Jaghmel ukoll kapital mill-fatt illi s-socjeta' "Ta' Frenc Real Estate Limited" xi snin ilu kienet ghamlet talba lill-Kurja Arciveskovili ta' Malta sabiex tixtri minghandha xi territorji li kienu jinkludu dawk in kontestazzjoni halli jigu nkorporati fi progett turistiku li kellha intenzjoni twettaq f'dawk l-inhawi . Infatti giet anke esebita korrispondenza li giet skambjata f'dan is-sens[21] . Imma kif xehed l-avukat Dottor Victor Bajada,[22] wiehed mid-diretturi ta' din il-kumpanija :

"*Pero' nerga' naghmilha cara, jiena qatt ma dhalt f'xi profondita' ta' ricerki biex nista' nghid b'certezza, del resto, lanqas jien tenut, hux hekk, illi nafferma xi titolu ta' xi proprjeta' .*

*….. Il-bqija jiena, ghax dawwart dik il-parti bl-ahdar u ghidt illi, vuoldieri nippretendi li hija tal-Kurja, ma kontx qed naghmel xi certifikat, u lanqas ghandi awtorita' li naghmel certifikati*" .

Giet esebita wkoll kopja ta' skrittura privata li permezz taghha certu Richard dei Conti Stagno Navarra, li mieghu il-Kurja Arciveskovili ta' Malta ghandha kontestazzjoni dwar l-amministrazzjoni ta' l-istess guspatronat lajkali, kien ikkonceda bicca art f'dawk l-inhawi sabiex tintuza bhala barriera, u f'din l-iskrittura gie dikjarat illi l-art tikkonfina ma' proprjeta' ohra ta' l-Abazija[23] . Imma

[20] ara dokti .J. E. 6; J.E. 7; J.E. 8; J.E. 9 u J.E. 10 a fol. 499 – 531 tal-process ta' din il-kawza.
[21] Ara dokti. VC. 8, VC. 9 u VC. 10 a fol. 304 – 311 tal-Mandat imsemmi.
[22] Ara deposizzjoni tieghu tat-30.3.1999 a fol. 171 – 193 ta' l-istess mandat .
[23] A fol. 294 - 295 ta, l-atti tal-mandat imsemmi .

ghalkemm inghatat l-impressjoni illi dan Stagno Navarra kien jaf fil-preciz fejn kienu l-konfini tal-proprjeta' ta' l-Abazija f'dawk l-inhawi, dan ma tressaqx sabiex jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu, u ghalhekk l-anqas din l-iskrittura ma tista' tkun ta' ebda beneficcju ghat-tezi ta' l-attur nomine .

Inoltre saret referenza ghal xi korrispondenza li l-istess legali tas-socjeta' konvenuta kellu mal-Kurja ta' Malta fejn f'isem klijent iehor tieghu kien talab li dan jinghata access minn fuq raba' tal-Kurja f'dawk l-inhawi sabiex ikun jista' jidhol f'bicca art li kien akkwista ghal skopijiet ta' skavazzjoni[24] . L-attur nomine jerga' jaghmel premura bil-fatt illi fl-ittra relativa jinghad illi l-art illi fuqha kien qed jintalab id-dritt ta' passagg kienet tappartjieni lill-Arcidjocesi ta' Malta . Imma l-istess bhall-kazijiet precedenti, semplici referenza f'ittra qatt ma tista' tittiehed bhala prova sufficjenti tat-titolu .

Fl-istess nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-attur nomine jammetti illi l-pretensjoni tieghu ma tistghax tkun ibbazata biss fuq il-pjanta ta' l-1737 . Anzi jibda din in-nota[25] proprju bil-kliem segwenti :

"*Illi f'din il-kawza l-attenzjoni principali tal-partijiet giet iffokata fuq l-interpretazzjoni tal-pjanta li giet allegata mar-rikors tal-markiz Ignazio di Costanzo tad-9 t'Ottubru 1736, liema rikors gie allegat mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Domenico Geronimo Bonavita tas-27 ta' Marzu 1937 a fol . 28 et seq. ) u liema pjanta hija ukoll allegata mad-dokument 'J.E. 9' li qed jigi esebit kontestwalment* .

*Illi tali interpretazzjoni, difficli kemm hi difficli, kien ikollha rilevanza u mportanza assoluta, kieku l-Abbazija nunkupata ta' Sant'Anton tan-Navarra kellha biss il-proprjeta' ta' l-art oggett tal-imsemmija pjanta fiz-zona tat-territorju in kontestazzjoni . Kieku dan kien il-kaz, kieku ovvjament l-interpretazzjoni li nghatat mill-esperti tal-imsemmija pjanta kienet tkun determinanti fil-konkluzjoni li*

[24] Ara ittra Dok. VC. 4 u pjanti annessi a fol. 292 - 293 tal-Mandat Nru 156/1998 .
[25] A fol. 542 – 545 tal-process .

*dina l-Qorti hija mistennija li tasal ghaliha . Madankollu johrog car mill-kuntratti li qed jigu esebiti kontestwalment … . illi l-Abbazija kellha proprjeta' ohra fiz-zona kontestata ….*"

Madankollu u minkejja illi gew esebiti diversi kopji ta' kuntratti li juri illi l-Abbazija kellha diversi proprjetajiet ohra fl-istess inhawi, minn imkien ma rrizulta illi l-art in kontestazzjoni kienet tifforma parti ntegrali minn xi wahda minn dawn il-koncessjonijiet . Din kienet il-prova li skond id-dottrina u gurisprudenza kostanti kienet rikjesta mill-attur nomine, imma dan ma rnexxielux jasal ghaliha, minkejja d-dokumenti voluminuzi kollha li pprezenta fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza .

Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta pprezentat kopji ufficcjali tal-kuntratti kollha illi bihom akkwistat id-diversi porzjonijiet raba fl-inhawi ta' Ghajn Kelment [26] . F'kull wiehed minn dawn il-kuntratti hemm spjegat fid-dettal il-provenjenza ta' l-art in vendita . Gew esebiti wkoll ir-ricerki maghmula min-nutara in konnessjoni ma' l-isetss kuntratti . Minn imkien ma jirrizulta illi xi wahda minn dawn l-artijiet qatt kienet tifforma parti minn xi raba koncess in enfitewsi *ad tertiam generationem* jew mod iehor lil terzi mill-guspatronat lajkali msemmi, u dan kollu ma gie bl-ebda mod kontrastat mill-attur nomine .

Ghal dawn il-motivi, billi l-attur nomine ma rnexxielhux jipprova id-dominju tieghu fuq l-artijiet mixtrija mis-socjeta' konvenuta u msemmija fic-citazzjoni u minn naha l-ohra l-istess socjeta' konvenuta, in sostenn ta' l-eccezzjoni taghha illi "l-*art kollha li s-socjeta' konvenuta tippetendi li hija taghha giet akkwistata validament skond kuntratti validi minghand is-sidien rispettivi li t-titolu taghhom jista' jigi rintraccjat ghal diversi snin*", ippruvat b'mod inekwivoku t-titolu taghha fuq l-istess artijiet, u b'hekk gie sodisfatt ukoll ir-rekwizit mitlub mill-gurisprudenza lokali[27] fis-sens illi meta l-konvenut jeccepixxi t-titolu fuq il-haga rivendikata il-piz tal-prova jaqa' fuqu, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-

---

[26] ara dokti. A sa J a fol. 320 – 363 tal-process)
[27] ara bran citat aktar 'l fuq

eccezzonijiet tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur nomine .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------